MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Numru. 628/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**

**KONTRA**

**DAVID AZZOPARDI ta’ 23 sena, iben Alfred u Maria Theresa nee’ Cuschieri, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-13 ta’ Ottubru, 1988, residenti fil-fond numru 43, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 0483388M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **David Azzopardi** li gie akkuzat talli:

A. Nhar il-15 ta’ Lulju, 2008, ghall-habta tal-11.30 ta’ fil-ghodu, fil-waqt li kien fir-residenza numru 43, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tat-tfajla tieghu Anne Marie Caruana, minn Haz-Zabbar, f’periklu car, ikkagunalha feriti ta’ natura gravi, permezz ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta, cioe’ sikkina, kif iccertifikat minn Dr Robert Gauci MD (warrant mediku numru 2943), it-Tabib tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid, liema ferita ggibilha mankament jew sfregju fil-pala ta’ l-id u s-saqajn;

B. U aktar talli nhar il-15 ta’ Lulju, 2008, u fil-granet ta’ qabel, gewwa l-Isla, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha;

C. U aktar talli f’dawn l-ahhar sentejn, b’diversi atti maghmulin f’hinijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt illi kien fir-residenza li tinsab fil-fond 43, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, u fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin, ikkawza diversi griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tat-tfajla tieghu Anne Marie Caruana;

D. U aktar talli nhar il-15 ta’ Lulju, 2008, u fil-granet ta’ qabel, fil-waqt illi kien fir-residenza numru 43, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, u fi bnadi ohra ta’ l-Isla, hebb kontra l-persuna tat-tfajla tieghu Anne Marie Caruana sabiex jingurjaha jew jaghmel hsara lill-istess;

E. U aktar talli nhar il-15 ta’ Lulju, 2008, u fil-granet ta’ qabel, fil-waqt illi kien fir-residenza numru 43, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, u fi bnadi ohra ta’ l-Isla, hedded bil-mewt lit-tfajla tieghu Anne Marie Caruana;

F. U aktar talli nhar il-15 ta’ Lulju, 2008, fil-waqt illi kien fir-residenza tieghu li tinsab fil-fond numru 43, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

G. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza' u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi lilu addebitati.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':
a. Fl-Artikoli 18, 202(h), 214, 215, 216(1)(a)(b)(2), 217, 218, 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 18, 86, 87(1)(2), u 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 18, 214, 215, u 221(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 18, 338(dd), 339(1)(b)(d)(e)(i)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 18, 251(1)(a), 251(1)(b), u 251(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 17, 23, 30, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-debita kunsens ghall-istess (folio 184 – 188).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ghaddiet biex tisma' l-provi saljenti, senjalament dawk tal-parte leza Anne Marie Caruana. Spjegat, anzi xehdet dwar dak li hi ghaddiet minnu. Qalet illi David kien talabha l-flus ghax ma kienx jahdem, dan biex imur jilaghbhom. L-ewwel darba tatu hamsin Ewro. Talabha t-tieni darba, pero xehdet illi ma tatux. Xehdet dwar il-fatt illi kienu go hanut - bar jghidulu l-Kavall. Qalet illi beda jsawwatha hemm qabel ma dahlu

gewwa, tant li qabzu ghaliha n-nies li kien hemm. Qalet illi damet fil-hanut minn tlieta sa erba' sieghat. Meta wasal biex jaghlaq dan, Twanny – is-sid, cempel lill-pulizija. Qalet illi kif marru l-pulizija hdejn dan il-bar, l-imputat telaq. Meta telqu l-imputat rega' mar lura. Xehdet illi marret mieghu d-dar. Xehdet illi qafilha hemm. Qafilha fil-kamra taghha fuq. Spjegat illi l-bieb tal-kamra kien wiehed ta' l-injam, fih zewg toqbiet u zewg toqbiet ohra u dawwar il-wire u ghalqu. Xehdet illi dan dawwar il-wire biss biex jaghlqu u li pero s-soltu ma kienx jaghlqu, ghalhekk il-wire qalet illi ghamlu biss biex isakkarha gewwa. Spjegat ukoll illi hi ma setghetx tiftah ghax kienet tibza' minnu, ghax kuljum kien jerfa' jdejh fuqha. Xehdet illi minhabba f'hekk telqet sbatax-il darba mid-dar. Xehdet illi qafilha ghal tlitt ijiem shah, la kielet u lanqas xorbot, lanqas ghamlet il-bzonnijiet taghha. Hadilha anke l-mobile biex ma tkunx tista' tikkomunika ma' hadd. Qalet illi baqa' jsawwatha ghax ma riditx tibqa' mieghu, u riedet titlaq ghand ommha, fejn per parentesi kellha qed jitrabbew tlitt itfal zghar.

Dan li sakkarha kienet il-gurnata tal-Hadd, qalet illi mbaghad it-Tlieta fil-ghodu hu ddecieda li jmur ipejjep, fetah il-bieb u telaq. Hasbitu ser igib sigarett. Minflok gab sikkina li pogga fuq it-television. Beda jghidilha li ried jirranga maghha, u hi baqghet tghidlu le. Offendiha u hi offendietu lura, kien hemm li hu mar ghas-sikkina li skondtha mar biex idahhalhielha go ghonqha. Dawritlu jdejh, laqtitu f'subajgh u dahhlilha s-sikkina go saqajha, umbaghad go rkubtejha.

Ziedet illi x'hin ra d-demm halliha titlaq, gieghlha tbiddel il-qalziet, anke taha lura l-mobile. Qalet ukoll illi kienet tibza' minnu ghax kien jheddidha li joqtlilha lil ommha u lit-tfal.

Xehdet anke omm Caruana, certa Mary Sant. Spjegat illi fil-15 ta' Lulju, 2008, bintha cemplitilha biex tmur id-dar ghandha. Qalet illi bintha spjegatilha li David kien taha xebgha sikkina, ratilha griehi fil-pexxun ta' saqajha, ohra fuq spallitha, u fuq subaghjha z-zghir. Anke hi kkonfermat li bintha marret lura ghandha d-dar sbatax(17)-il darba. Anke spjegat li kienet hi li kienet qed trabbilha lil uliedha.

Marietta Lanzon, imqabbda biex taghmel assessment fuq l-imputat, xehdet dwar il-problema li kellu l-imputat fit-trobbija tieghu, anke li ghax habb tfajla ma kienx jaf jihhendilja din is-sitwazzjoni. Spjegat li kien ammetta maghha li kellu problema zghira tad-droga, li kultant ipejjep il-haxixa.

Dr Mario Scerri, imqabbad minn din il-Qorti, minn naha tieghu xehed illi l-griehi sofferti minn Caruana kienu ta' natura hafifa.

Regghet xehdet Anne Marie Caruana, din id-darba qalet illi kienet regghet tqila, din id-darba l-missier kien l-istess imputat. Qalet illi riedet terga' tmur tghix mieghu meta jinqata' l-kaz. Ziedet ukoll illi hi ma kellhiex interess li tkompli bil-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti minn dak li semghet mix-xhieda ta' Anne Marie Caruana, m'ghandha ebda dubbju li l-imputat ikkaguna feriti, anke jekk ta' natura hafifa, fuq il-persuna ta' Caruana, li zammha ssekwestrata, li heddidha. Illi lanqas m'ghandha ebda dubbju li Azzopardi huwa nflitt bi problemi serji ta' attitudni, behaviour u anger control, sitwazzjonijiet li kif iddeponiet Marietta Lanzon jistghu gew ikkagunati mit-trobbija turbolenti tieghu. Ghandu bzonn jifhem Azzopardi li l-attitudni u l-imgieba tieghu mhix wahda accettabbli fis-socjeta' taghna, ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini ta' l-Artikoli 18, 214, 215, 221, 338, 339, 86, u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 17, 23, 30, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieset il-gravita' ta' azzjoniet Azzopardi, u tqis illi l-piena idonea hija ta' prigunerija li l-Qorti ser tissospendi in vista' tal-fatt illi l-partijiet jidhru li regghu rrangaw, ghalhekk wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sena u nofs sospizi ghal tlitt snin;

Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqieghdu taht Ordni ta' Supervizjoni taht is-supervizjoni

ta’ l-ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon, b’dan illi David Azzopardi ghandu jigi ndirizzat lejn programmi ndikati lejn domestic violence u anger management fi hdan l-Agenzija Sedqa u/jew Appogg, jew agenzija ohra appozita.

Minhabba l-gravita’ ta’ l-agir ta’ l-akkuzat lejn il-partner tieghu, tordna l-Qorti li jigi ezebit lilha rapport bil-miktub ta’ l-andament tieghu kull xahrejn.

Din l-Ordni ta’ Supervizjoni ghandha tul ta’ sena u nofs.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ta’ €145.57.

Tilliberah mill-kumplament tar-reati in kwantu ma jirrizultawx.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------